C/2025/6367

21.11.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1484, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2357 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2356, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja

(C/2025/6367)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1484 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2357 ([2]) u fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2356 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja.

L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2024/1485 jeħtieġ li dawk il-persuni jirrappurtaw, fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-elenkar tagħhom fl-Anness IV, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu lilhom, huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Huma għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti fi kwalunkwe verifika ta' tali informazzjoni. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser titqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri dwar l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

L-informazzjoni li trid tiġi rrapportata trid tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/1485.

([1]) ĠU L, 2024/1484, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1484/oj.
([2]) ĠU L, 2025/2357, 20.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2357/oj.
([3]) ĠU L, 2024/1485, 27.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1485/oj.
([4]) ĠU L, 2025/2356, 20.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2356/oj.